DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Marzu 2013

li tiffissa l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-aġġustament volontarju fir-Renju Unit għas-sena kalendarja 2013

(notifikata bid-dokument C(2013) 1577)

(It-Test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2013/146/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10c(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10b(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jipprovdi li kwalunkwe Stat Membru li jkun applika l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 [2] fir-rigward tas-sena kalendarja 2012 jista' japplika tnaqqis (minn hawn 'il quddiem magħruf bħala 'aġġustament volontarju') għall-ammonti kollha ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw fit-territorju tiegħu fir-rigward tas-sena kalendarja 2013. L-aġġustament volontarju għandu jiġi applikat flimkien mal-aġġustament għall-pagamenti diretti pprovdut fl-Artikolu 10a tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(2) L-Artikolu 10b(5) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jipprovdi li l-Istati Membri jiddeċiedu dwar, u jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-rata tal-aġġustament volontarju għat-territorju kollu u, fejn applikabbli, għal kull reġjun u l-ammont totali li għandu jitnaqqas taħt l-aġġustament volontarju għat-territorju kollu u, fejn applikabbli, għal kull reġjun.

(3) Ir-Renju Unit iffissa r-rati applikabbli reġjonalment li ġejjin għall-aġġustament volontarju skont l-Artikolu 10b(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u kkomunikahom lill-Kummissjoni:

Reġjun	Ammont ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw lil bidwi (f'EUR)	Rata ta' aġġustament volontarju
l-Ingilterra	Inqas minn 5 000	14 %
	5 000 u iżjed iżda inqas minn 300 000	9 %
	300 000 u iżjed	5 %
Wales	Inqas minn 5 000	6,5 %
	5 000 u iżjed iżda inqas minn 300 000	1,5 %
	300 000 u iżjed	0 %
l-Iskozja	Inqas minn 5 000	9 %
	5 000 u iżjed iżda inqas minn 300 000	4 %
	300 000 u iżjed	0 %

(4) Ir-Renju Unit ikkomunika lill-Kummissjoni l-ammont totali li għandu jitnaqqas taħt l-aġġustament volontarju fis-sena kalendarja 2013, b'osservazzjoni tal-massimu ffissat fl-Artikolu 10b(3) u skont l-Artikolu 10b(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(5) Għalhekk jeħtieġ li jiġi ffissat l-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tal-aġġustament volontarju fir-Renju Unit,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont totali li jirriżulta mill-aġġustament volontarju fir-Renju Unit fis-sena kalendarja 2013 huwa ta' EUR 296,3 miljun.

[1] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
[2] ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni
Dacian CIOLOȘ
Membru tal-Kummissjoni